*-pedestrian*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 15 TA' APRIL 2019**

**Rikors Nru. 667/2010GM**

**CARMELO SIVE' CHARLIE U CARMEN FORMOSA U BINHOM**

**CLINT FORMOSA**

**VS**

**JUSTIN BORG**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti:

(a) ssib lil konvenut mħarrek unikament responsabbli għad-danni kollha li Clint Formosa ġarrab konsegwenza ta' inċident li seħħ fit-8 ta' Mejju 2008, waqt li l-istess Formosa kien miexi fuq il-bankina fi Triq it-Trungiera, Marsaxlokk, u ntlaqat u ġie investit mill-konvenut imħarrek meta kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBD 695, fejn korra lil Formosa u kkaġġunalu feriti ta' natura gravi;

(b) tillikwida d-danni mġarrbin minn Clint Formosa bi ħtija tal-istess konvenut imħarrek; u

(ċ) tikkundanna lill-istess konvenut imħarrek iħallas d-danni hekk likwidati.

Talbu ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tat-23 ta' Mejju 2008 u tat-12 ta' Ġunju 2008, tal-ittra uffiċċjali tad-19 ta' Ottubru 2009 u dawk tal-ittra uffiċċjali preżentata kontestwalment ma' din il-kawża għan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut skond Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-Risposta Maħlufa mressqa mill-konvenut fit-23 ta' Settembru 2010 fejn laqa' għat-talbiet atturi billi stqarr li ma jaħti xejn għal-inċident in kwistjoni għaliex l-inċident ma seħħx minħabba negliġenza da parti tiegħu, iżda ġara b'riżultat ta' negliġenza kontributorja da parti tal-attur Clint Formosa billi ma mexiex fuq il-bankina. Il-konvenut ikompli jgħid illi billi tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu ma jfissirx li kien qiegħed isuq b'mod negliġenti. Apparti minn hekk il-konvenut iddikkjara illi l-attur Clint Formosa ma sofriex minn debilita` permanenti;

Rat li b'd-degriet tagħha (diversament preseduta) tal-24 ta' Settembru 2010 ħatret bħala esperti mediċi lill-ortopediku Mr Massimo Abela u lir-*reconstructive surgeon* Mr Charles Swain biex jeżaminaw lil attur;

Rat ir-Rapporti imressqin mill-esperti mediċi Mr Massimo Abela Mr Charles Swain fit-18 ta' Novembru, 2010;

Rat ir-rikors ta' Middlesea Insurance plc[1] fejn talbet lil Qorti (diversament preseduta) biex tawtorizzaha tintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis* u dan peress li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet koperta *prima facie* mill-imsemmija polza u din it-talba ġiet milqugħa;

Rat l-atti kollha tal-kawża inklużi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi dakinhar tal-inċident, l-attur Clint Formosa kien ma' xi ħbieb tiegħu ġewwa l-ġnien tal-Port Ruman li jinsab ġewwa Marsaxlokk. Il-ġnien jinsab maġenb il-grawnd tal-futbal ta' Marsaxlokk, f'livell aktar għoli. L-attur flimkien ma' xi oħrajn iddeċidew li jmorru fi ġnien ieħor li jinsab ħdejn il-*Housing Estate* ta' Marsaxlokk. Biex jaslu għal dan il-ġnien kellhom jimxu t-tul ta' Triq it-Trunġiera kollha fuq bankina kemmxejn dejqa fuq in-naħa tax-xellug tat-triq fejn ukoll kien hemm ċint baxx tul it-triq kollha fuq il-parti estrema tax-xelluġ tal-bankina. Filfatt huma mxew wara xulxin, bl-attur Clint Formosa u Daniel Rodney Stirling fuq quddiem. F'daqqa waħda semgħu ħoss

[1] Fol 67

qawwi qisu ta' karozza li qed ittellaq – ħoss ta' reżjar ġej minn warajjhom. Kif din il-karozza waslet mal-liwja tat-triq fejn l-attur u sħabu kienu mexjin, il-konvenut stess jixhed illi tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu. Din daret 90 grad, bil-parti ta' quddiem tal-vettura tħares fid-direzzjoni tal-ġuvintur u telgħet fuq il-bankina. Daniel Rodney Sterling ra l-vettura tal-konvenut titlaq mir-rota ta' wara, tirkeb il-bankina u baqgħet dieħla dritt ġo fihom u ħabtet maċ-ċint;

Illi l-attur ħass il-vettura tidħol ġo fih fejn qabditlu siequ, għafsitu maċ-ċint li kien hemm fuq in-naħa tax-xellug tiegħu u waqa' għal wara ċ-ċint li huwa għoli madwar sitt filati. Miegħu waqa' ukoll ċertu Jonathan Caruana li konsegwentament spiċċa ndarab filwaqt li l-oħrajn sabu ruħhom mal-art fuq il-bankina. Kif il-vettura ħadet id-daqqa maċ-ċint u waqfet fuq il-bankina u kawża tal-impatt iċ-ċint ġarrab xi ħsara. Dan huwa konfermat ukoll fir-rapport tal-Pulizija[2];

Illi l-attur ta l-verżjoni tiegħu lil Pulizija xi erbat ijiem wara l-aċċident peress li kien jinsab fil-Kura Intensiva ġewwa l-isptar fejn jgħid li pprova jqum bilqegħda u ra siequ x-xellugija mdawwra, qisha mhux parti minn ġismu, b'ħafna demm ħiereġ u bl-għadma tal-qasba ta' siequ ħierġa 'l barra mill-*jeans* filwaqt li beda jħoss uġiegħ enormi. Il-konvenut ħareġ min ġol-karozza tiegħu u beda jgħid lil Formosa biex iqum maljar għax m'għandu xejn filwaqt li niżel wara ic-cint u tella' lil Formosa bilqegħda fuq iċ-ċint. Waqt li kien qed jagħmel hekk, l-attur jispjega li l-konvenut minn taħt l-ilsien qallu biex jieħu ħsieb kif jitkellem għax idaħħlu f'xeba inkwiet u qallu ukoll li mhuwiex

[2] Fol 92

kopert mill-Insurance."[3] Filfatt minn stħarriġ ulterjuri magħmul mill-pulizija irriżulta li l-konvenut verament ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni.[4] Ftit wara l-konvenut qabad u neħħa l-karozza mill-post oriġinali u tellagħha aktar 'il fuq tul ta' xi ħames karozzi. Formosa jkompli jgħid illi l-konvenut kif ra l-Pulizija kien se jitlaq minn fuq il-post u sema' lill-ħabiba tiegħu Noelle Galea Butters tgħajjat miegħu biex ma jitlaqx;

Illi Neville Carabott, wieħed mill-ġuvintur li kien miexi mal-attur meta seħħ l-inċident jixhed illi waqt li kienu qed jistennew lill-Pulizija biex tasal fuq il-post, il-ħbieb tal-konvenut issuġġerewlu jniżżel it-*tyres* tal-karozza u kif qalulu hekk, il-konvenut mar ħdejn il-karozza. Dan jikkorraborawh Daniel Rodney Sterling u Jonathan Caruana[5] li raw lil konvenut iniżżel it-*tyre* tal-karozza[6] Meta waslu l-Pulizja fuq il-post, l-istess Sterling infurmahom b'li kien għamel il-konvenut. Sterling kompli jixhed illi waqt li kien sejjer id-dar wara l-aċċident għadda minn ħdejn il-karozza tal-konvenut, u dan tal-aħħar qallu "titlax tixhed, issa nirranġa miegħek"[7] iżda ma kellmux u baqa' sejjer;

Illi l-ħbieb tal-attur jafu lill-konvenut di vista u jafu li jiddeletta jsuq b'ċerta veloċita` u anke' jitkessaħ u jħobb itellaq fit-toroq ta' Marsaxlokk;

Illi min-naħa l-oħra, id-difiża tal-konvenut hija fis-sens li l-inċident *de quo* ma ġarax minħabba xi nuqqas ta' diliġenza (fis-sewqan) da parti tiegħu, iżda kienet konsegwenza tal-fatt li t-*tyre* ta' quddiem kien niżel xi ftit u għalhekk tilef il-kontroll tal-vettura u sab lill-attur miexi taħt il-bankina. Illi l-konvenut

---

[3] Vide rapport tal-Pulizija a fol 94.
[4] Ibid.
[5] Vide rapport tal-Pulizija a fol 93.
[6] Fol 64.
[7] Fol 64.

*a tempo vergine* jgħid illi mal-ewwel niżel itih l-ewwel għajnuna u staqsih jekk kienx it-tort tiegħu u jekk ħasibx li kien qed isuq iżda l-attur irrispondih li ma kienx tort tiegħu u li ma kienx qed isuq. Dan kollu ġie miċħud mill-attur waqt il-kontro-eżami tiegħu;

Illi dakinhar tal-inċident, il-konvenut mistoqsi mill-Pulizija għaliex kien ċaqlaq il-karozza jgħid li għax tfixkel u poġġiha n-naħa l-oħra tat-Triq.[8] Mentri waqt is-smiegħ tal-kawża jgħid li tefa' l-karozza għal-ġenb peress li kienet fin-nofs. Mal-Pulizija żied jgħid ukoll illi kienu grupp żgħażagħ li kien hemm minnhom mexjin fuq il-bankina u oħrajn li kienu mexjin taħt il-bankina, pero` ma jafx jekk Formosa kienx miexi fuq jew taħt il-bankina. Aktar tard waqt is-smigħ tal-kawża, il-konvenut jibdel il-verżjoni tiegħu u jgħid illi ċert li l-attur kien miexi taħt il-bankina u kien għalhekk illi laqtu għax kien miexi fit-triq. Inoltre jgħid illi l-attur waqa' għal-taħt iċ-ċint mhux għax hu tela' bil-vettura tiegħu fuq il-bankina iżda għax kif laqat lil attur, peress li l-bankina dejqa, dan għeleb għal taħt iċ-ċint. Il-konvenut kompla jiċħad illi tela' fuq il-bankina;

Illi l-konvenut jgħid li kien għaddej b'veloċita` ta' 40 kilometru fis-siegħa jew ftit anqas. L-istess jgħidu x-xhieda illi ppreżenta l-konvenut u ċjoe` l-passiġġier li kien riekeb miegħu fil-karozza u sħabu li kienu qed isuqu warajh;

**Konsiderazzjonijiet**

[8] Fol 90D

Illi wara l-inċident, ittieħdu proċeduti kriminali kontra l-konvenut li l-atti tagħhom ġew preżentati f'dawn il-proċeduri fejn ġew maħtura diversi esperti l-espert mekkaniku Philip Zammit[9] li ġie nominat sabiex jeżamina l-vettura tal-konvenut u jikkonkludi dwar l-għoli tagħha minn mal-art u jekk l-istess vettura setgħetx rikbet il-bankina fejn seħħ l-inċident. Waqt l-aċċess illi sar min-naħa tiegħu, xi tlett xhur wara l-aċċident, il-konvenut spjegalu illi fl-inċident in kwistjoni kienu nkisru ż-żewġt fanali tal-vettura u kien bidilhom. Kien ukoll għamel xi tibdil fil-*bonnet* u żied parti fuq il-fanali. Żammit ikkonstata li l-ftuħ tal-bonnet ma kienx wieħed ideali u dan ifisser illi fuq quddiem tal-vettura kien ftit imdawwar. Il-faċċata kienet tidher imdaħħla l-ġewwa. Dan ġie indikat mill-ispazju li kien hemm bejn ix-xifer ta' fuq tal-*bumper* u l-fanali. Il-*bumper* ta' quddiem kien imqaċċat mill-irbit ta' taħt u tal-ġenb tal-lemin u l-aktar li kien danneġġajt kien fuq in-naħa tal-lemin. Apparti minn hekk l-*X member* u *towhook* li it-tnejn kieu jinsabu fuq il-lemin kienu danneġġjati sew. Għaldaqstant Philip Zammit ikkonstata illi dawn il-ħsarat kollha ma setgħux saru mal-bankina iżda setgħu ġew kawżati maċ-ċint li hemm fuq in-naħa ta' ġewwa tal-bankina. Għaldaqstant Żammit ikkonkluda illi l-għoli tal-bankina u l-għoli tal-vettura juru illi l-istess vettura setgħet faċilment telgħet l-għoli tal-bankina bla ma għamlet xi danni estensivi fuq quddiem, taħt jew fir-roti jew s*uspension*;

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u meta tqis il-provi u r-riżultanzi kollha in atti, il-qorti ma tistax temmen il-verżjoni li rrakkonta il-konvenut. Il-verzjoni tal-attur hija bil-wisq aktar kredibbli. Jidher illi l-konvenut wara li tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, baqa' tiela fuq il-bankina tant li ġarrab

[9] Dok PZ 1a fol 169.

ħsarat fuq quddiem tal-vettura tiegħu u fuq iċ-ċint. Il-ħsara fuq quddiem tal-vettura, speċjalment fuq il-*bonnet* ma setgħetx ġiet ikkawżata mill-bankina għaliex l-istess bankina ma kinitx daqshekk għolja. Lanqas tista' temmen li l-konvenut kien qed isuq bl-40 kilometru fil-siegħa. Li kieku l-konvenut kien verament isuq b'dik il-veloċita` ma kienx isibha bi tqila biex jikkontrolla l-vettura tiegħu aktar u aktar meta l-art kienet niexfa. Apparti minn hekk, il-fatt li l-konvenut neħħa l-karozza mill-punt oriġinali tal-impatt, jitfa' dawl ikraħ fuq l-intenzjonijiet tiegħu;

Illi ngħad b'awtorita` li "*where a motor vehicle gets on to a pavement intended for foot passengers and injures persons standing there, these facts, in the absence of explanation, constitute evidence of negligence*[10];

Illi b'żieda ma' dan jingħad li l-kawża in kwistjoni hija waħda għal riżarċiment ta' danni mġarrba fuq il-bażi tal-ħtija akwiljana. Il-liġi[11] titkellem ċar dwar ir-responsabbilta` tal-egħmil ta' persuna fil-qasam ta' danni mnissla minn delitt. Jaħti ta' għemil bħal dan kull min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[12]. Dan in-nuqqas ta' diliġenza jew għaqal joħroġ ukoll fejn wieħed jonqos minn dmir impost mil-liġi, wkoll jekk dak li jagħmel ikun mingħajr il-ħsieb li jagħmel id-deni[13]. Ta' dan id-deni jrid jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri. Dan, wara kollox, huwa meqjus bħala l-

---

[10] Ellor v Selfridge 1930; McGowan v Stott 1923; Laurie v Raglan Building Co 1942; Vol XL1.ii.1123

[11] Art. 1031 tal-Kap 16.
[12] Art. 1032(1) tal-Kap 16.
[13] Art. 1033 tal-Kap 16.

għajn ewlenija li fuqha tinbena r-responsabbilta' ċivili mnissla mill-għemil doluż jew kolpuż[14];

Jidher illi dan huwa każ ieħor ta' sewqan negligenti, perikoluż u b'arroganza illi ħalla persuna li kienet miexja għal triqitha, b'diżabilita` permanenti fil-fjur ta' ħajjitha;

Illi f'dan ir-rigward, minħabba li ġie ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi f'din l-istanza, huwa l-konvenut li għandu jinżamm kompletament responsabbli għad-danni sofferti mill-attur;

**<u>Likwidazzjoni ta' danni</u>**

***Damnum Emergens***

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens,* l-atturi ressqu numru ta' rċevuti[15] li jikkonsistu f'xiri ta' mediċini, ħlasijiet lil tobba u speċjalisti kuranti tal-attur, irċevuti min-naħa tal-Melita Cable plc. Dawn l-irċevuti jammontaw għal €803.60;

Illi l-atturi qed jitolbu ukoll kumpens għat-telf ta' xogħol tal-attur Carmelo Formosa fl-ammont ta' €2,399[16] minħabba li dan kien kostrett jieħu ġranet ta' *leave* sabiex ikun aktar viċin il-familja tiegħu f'dawk il-mumenti diffiċli u biex ikun jista' jwassal lil ibnu minn post għall-ieħor;

[14] P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et.
[15] Dokk XX23 sa Dok XX29 a fol 242 sa fol 248.
[16] Fol 265.

Illi dwar dawn il-pretensjonijiet tal-atturi, l-imħarrek ma jqajjem l-ebda kontestazzjoni. Il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni għaliex ma jmisshiex hija wkoll tilqa' din il-kategorija ta' danni mitluba mill-attur bħala waħda mistħoqqa;

Illi għalhekk taħt dan ir-ras ta' danni, tirriżulta dovuta s-somma ta' **€3,202.60;**

***Lucrum Cessans*:**

Illi l-attur ġarrab ġrieħi ta' natura gravi li jikkonsistu fi ksur miftuħ (*open fracture*) tal-qasba tas-sieq tax-xellug. Sarulu tlett interventi kirurġiċi:

Fid-9 ta' Mejju 2008 mit-Taqsima tal-Ortopedija biex tistabilizza il-fratturi tas-sieq tax-xellug; Fl-14 ta' Mejju 2008 mit-Taqsima tal-Ortopedija biex titnaddaf il-ferita u jsir aġġustament tal-*External Fixator*; Fl-24 ta' Mejju 2008 intervent mit-taqsima tal-kirurgija plastika fejn ittieħdet ġilda mill-koxxa tax-xellug biex tkopri ġrieħi bit-tessuti mikxufin taħt l-irkoppa;

Illi ħareġ mill-isptar fl-20 ta' Ġunju 2008 u kompla jattendi għal-appuntamenti l-isptar għal-medikazzjoni tal-feriti, *skin grafts* u *donor areas*. Kien imur erba' darbiet f'ġimgħa bl-ambulanza bħala *stretcher case* ġewwa l-isptar għat-trattamenti. Riżultat ta' hekk tilef sentejn skola għax ma setax jimxi u mbagħad dam xi xhur f'*wheelchair*. Fi żmien l-inċident kien fl-ewwel sena fil Junior College. L-intenzjoni tiegħu kienet illi wara li jlesti t-tieni sena, jidħol l-Universita għall-kors ta' għalliem iżda wara l-inċident kellu jibda l-Junior College mill-bidu nett. Għalhekk qata' qalbu u ddeċida li jidħol l-MCAST biex jagħmel kors ta' *Accounting Technician* peress li ma fiħx

strapazz għal saqajh. Raġuni oħra għaliex għażel li jidħol l-MCAST kienet illi ma setax isuq u lanqas jaqbad tal-linja u għalhekk kien jiddependi fuq missieru biex iwasslu l-iskola. Dak iż-żmien missieru kien jaħdem fuq bażi ta' xift ġewwa l-Malta Shipyards u allura kien diffiċċli biex iwasslu. L-aħjar soluzjoni li ħasbu fiha kienet illi jsib skola qrib ix-xogħol ta' missieru;

Illi m'hemmx dubju li l-inċident tat-traffiku kien wieħed gravi għall-attur, filfatt għadu jbati minn uġigħ fl-irkoppa u s-sieq tax-xellug l-aktar meta jkun bil-wieqfa u tkun il-kesħa. Mhux kapaċi jimxi għal aktar minn għoxrin minuta. Sa meta eżaminawh l-esperti mediċi u ċjoe aktar minn sentejn wara l-aċċident, kien għadu jimxi bi krozza waħda u jekk jipprova jimxi mingħajrha jzappap ħafna. Ma jistax jilwi jew joqgħod fuq rkopptu u lanqas joqgħod kokka. Għandu problema biex jitla' t-taraġ u jitilgħu waħda, waħda waqt li jkollu jżomm mal-puġġaman. Iħoss tnemnim man-naħa ta' ġewwa tal-għaksa u l-parti ta' barra tal-pexxul. Iħossu limitat fl-affarijiet ta' kuljum. Ma għadux kapaċi jilgħab bil-ballun u jirkeb ir-rota bħal ma kien qabel. Anke biex jiddeverti ma sħabu saret diffiċli fiżikament peress li ma jdumx ħafna bil-wieqfa. Ibati ukoll biex jagħmel affarijiet sempliċi bħal jaqfel il-lazz. Kellu jinvesti f'vettura awtomatika peress illi għandu użu limitat ta' siequ x-xellugija. Iħossu konxju ħafna tad-dehra ta' siequ u anke' fix-xhur tas-Sajf jilbes qalziet twil, saħansitra biex jgħum. Dan ma għenx għas-*self esteem* tiegħu. Sar persuna kompletament differenti speċjalment għax illum il-ġurnata kulħadd jirreferi għalih bħala 'Clint iz-zopp', ħaġa illi tweġġgħu ħafna;

**Multiplier**

Illi l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun

lil dak li jkun ġarrab ħsara[17], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[18], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji;

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[19], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident kellu biss 17-il sena. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 37 sena[20];

**Qligħ tal-attur**

Illi l-attur fi żmien l-inċident (2008) kien għadu student. Normalment meta l-Qorti tiġi rinfaċċata b'ċirkostanzi simili, taddotta l-paga minima. Fil-każ in eżami, l-attur għamel kors ta' diploma ta' *Accounting Technician* fi ħdan l-*Malta Collage of Arts, Science and Technology* (Mcast) u għalhekk se jkollu introjtu aktar minn dak tal-paga minima. L-atturi, pero naqsu milli jġibu xi tip ta' prova dwar l-*earning potential* ta' Accounting Technician u fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom indikaw l-ammont ta' €20,000[21] bħala linja gwida. Il-figura indikattiva bħala paga hi aktar minn raġonevoli. Tenut kont tal-firxa perjodika ta' sebgħa u tletin sena, paga ta' €20,000 fis-sena hi fil-fehma tal-

[17] App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Mary Buġeja noe et v George Aġius et noe.
[18] Kumm. 11.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Aġius v Joseph Galea et noe.
[19] App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri.
[20] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.
[21] Fol 444.

Qorti bażi realistika ħafna għal-finijiet tal-kumputazzjoni u dan anke fin-nuqqas ta' oġġezzjoni minn naħa tal-konvenut;

**Rata ta' diżabilita`:**

Illi l-espert mediku Mr Massimo Abela fir-rapport tiegħu[22] ikkonstata illi l-attur għandu diffikulta' biex jimxi fuq l-għarqub u l-ponot ta' subajh. Il-muskolu tal-koxxa tax-xellug huwa mixrub b'erba' ċentimetri meta mqabbel ma' tan-naħa l-oħra. Hemm numru ta' ċikatriċi fuq il-koxxa u fuq is-sieq. Iħoss anqas fil-wiċċ tas-sieq u n-naħa ta' ġewwa tal-għaksa tax-xellug u ma jħoss xejn fuq l-*skin grafts*. L-irkoppa tax-xellug jista' jirwiha ftit biss u hemm difformita fil-muskoli tal-pexxul tas-sieq ix-xellugija;

Illi l-espert ikompli jikkonstata illi l-attur għadda minn numru ta' interventi u **kien ixxurtjat li ma tilifx siequ**. Il-ksur tat-*tibia* għaqad iżda il-ksur tal-*fibula* baqa ma fieqx. Il-ksur tat-*tibia* kien jinvolvi l-irkoppa u għaldaqstant huwa probabbli li 'l quddiem titrabba *artrite* fiha. Hemm ukoll riskju ta' infezzjoni fl-għadam u fl-irkoppa fil-futur peress li l-ksur kien wieħed miftuħ. Din il-possibilita` tibqa' għal għomru. Għalkemm saret ħafna fiżjoterapija fuq l-irkoppa, din baqgħet iebsa, b'limitazzjoni kbira fil-movimenti. Din il-limitazzjoni tikkawża diżabilita` qawwija u twaqqaf lill-attur milli jagħmel ħafna mill-attivitajiet ta' kuljum li jinvolvu s-saqajn. Għalhekk attribwixxa rata ta' diżabilita ta' 23%;[23]

[22] Fol 74.
[23] Fol 77.

Illi fir-rapport tal-espert mediku l-ieħor, il-konsulent fil-kirurġija plastika u rikonstruttiva Mr Charles Swain jidħol fid-dettal ta' kif l-attur iħares lejn l-sfreġju li jsofri minnhom. L-attur stqarr miegħu li mdejjaq ħafna għaliex:

i. il-koxxa tax-xellug tidher irqaq u għandha ċikkatriċi żbjadita fejn itteiħdu l-*skin grafts;*

ii. id-dehra tas-sieq tax-xellug taħt l-irkoppa iddejqu għax hemm ċikkatriċi estensiva fiha speċjalment fejn tqegħdu l-*skin grafts*;

iii. l-attur jgħid illi qatt ma jista' jilbes qalziet qasir għax jistħi imur il-baħar;

iv. isibha diffiċli jibda relazzjoni ma' tfajla għax issa jikkonsidra ruħu b'diżabilita`;

Illi minn eżami fuq l-attur irriżulta illi l-attur għandu ċikattriċi superfiċjali imma rregolari fuq il-lat anterjuri tal-koxxa tax-xellug min fejn ittieħdet *skin graft*. Din ta' qies 21cm b'10cm u tidher sew għax tinkludi postijiet fejn il-ġilda tilfet il-lewn naturali tagħha; *skin graft* taħt l-irkoppa tax-xellug, ta' misura 20cm b'14cm fuq il-lat anterjuri; *skin graft* ftit depressa wara l-irkoppa ta' misura 9cm b'5cm; *skin graft* pjuttost depressa fuq in-naħa laterali, taħt l-irkoppa ta' misura 14cm b' 5cm; ċikkatriċi ftit il-fuq mill-għaksa fejn l-*external fixatorts* li nntuża fl-interventi ortopediċi ppenetra il-ġilda;

Illi id-dehera tas-sieq tax-xellug, sentejn u nofs wara l-inċident, tirrifletti l-gravita' tal-korriment. Tidher kerha għaliex barra iċ-ċikattriċi multipliċi permanenti hemm postijiet fejn il-ġilda tilfet il-lewn, il-pil u l-qies normali tagħha u jidher li mhux se jkun hemm ammiljorment fl-aspett estetiku. Għalhekk attribwixxa rata ta' diżabilita` ta' 12% tal-persuna sħiħa;

## Weighted Average tar-Rata ta' Diżabilita'

Illi l-leġislatur Malti ma jagħti l-ebda ħjiel dwar kif għandha tiġi mkejjla d-disabilita' u għalhekk din iħalliha f'idejn il-Qrati tagħna li kull darba jkollhom kompitu iebes fir-rigward. "Id-diżabilita` totali trid tiġi kkunsidrata in relazzjoni għal persuna, bħala entita` fiżika waħda mingħajr ma jiġi preżunt li l-multipliċita` ta' debilitajiet jiġu komputati komplessivament sabiex toħroġ id-diżabilita` reali li wieħed ikun sofra minnhom. Difatti, jekk il-persentaġġi jiġu magħduda flimkien, wieħed jista' jasal għall-konkluzjoni assurda li f'xi każijiet ikun hemm debilita` permanenti ta' aktar minn mija fil-mija"[24];

Illi għalhekk huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li f'każ bħal dan, wieħed m'għandux jgħodd flimkien iż-żewġ rati ta' diżabilità permanenti, iżda għandu jiġi applikat dak magħruf bħala "weighted average". Meta l-Qorti tgħaddi biex tikkomputa d-diżabilità permanenti totali, din trid tigi kkunsidrata fir-rigward tal-persuna fiżika sħiħa mingħajr ebda presunzjoni a priori li l-multipliċità ta' feriti jiġu komputati komplessivament.[25] Bil-*weighted average* għandu jittieħed bilanċ tar-riżultanzi tal-esperti mediċi biex dan ikun jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni reali tad-danneġġjat.[26] Dak li jrid jiġi stabbilit mhuwiex il-grad ta' inkapaċità fis-sens purament mediku, iżda l-effetti li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ jew il-ħidma tal-attur danneġġjat.[27] Mill-ġurisprudenza tagħna, jidher li l-mod kif jinħadem il-*weighted average* jitħalla interament fid-diskrezzjoni tal-Qorti ta' dak li tqis li

[24] Spiridione *sive* Dione Zammit v Mario Bonello, PA 30.03.2017.
[25] Degiorgio v. De Crema, P.A., 28.01.2004, u Josef Farrugia v Thomas Tanti, P.A., 07.07.20014
[26] Cassar Pullicino noe et v Xuereb et, P.A., 20.02.2009.
[27] Frendo v Cachia, P.A., 20.04.2009.

huwa xieraq u ġust fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ odjern jirriżulta li konsegwenza tal-inċident in kwistjoni l-attur qiegħed isofri minn debilità permanenti fiżika ortopedika ta' 23% u diżabilita' permanenti mill-aspett estetiku u psikoloġiku ta' 12%. Il-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ jkun ġust li tiġi adottata bħala *weighted average* rata globali ta' diżabilità permanenti ta' 29% (23% + ½ ta' 12%);

**Lump Sum Payment:**

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra: "mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat"[28]. Dan iktar u iktar fil-każ preżenti fejn l-inċident seħħ tnax-il sena ilu;

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

€20,000 x 37 x 29% = €214,600;

**Riepilogu**

Damnum emergens = €3,202,60;

[28] Trevor Grech v Lawrence agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018.

Lucrum cessans = €214,600;

Total tad-danni = €217,802.60;

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(1) tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal-inċident li seħħ nhar it-8 ta' Mejju 2008 fi Triq it-Trunġiera, Marsaxlokk;

(2) tilqa' t-tieni talba billi tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' €217,802.60;

(3) tikkundanna lill-konvenut tħallas is-somma ta' €217,802.60 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv;

L-ispejjeż inklużi tal-ittri interpellatorji tat-23 ta' Mejju 2008 u tat-12 ta' Ġunju 2008, tal-ittra uffiċċjali tad-19 ta' Ottubru 2009 u dawk tal-ittra uffiċċjali preżentata kontestwalment ma' din il-kawża a kariku tal-konvenut.

ONOR IMHALLEF

GRAZIO MERĊIEĊA